MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Appell Civili Numru. 1078/1995/1

**Patrick Staines bhala Deputy Chairman ghan-nom u in rapprezentanza tal-Malta Development Corporation u b'digriet tal-24 ta' Marzu 1997 il-Malta Development Corporation assumiet l-atti ta' din il-kawza sabiex tkun tista' tkompli l-kawza flok Patrick Staines nomine u b'digriet tas-27 ta' Ottubru 2006, il-Malta Industrial Parks Limited (C28965) giet awtorizzata tassumi l-atti minflok Patrick Staines nomine**

**v.**

**Mario Tonna u Marcus Tonna bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Puma Footwear Limited (C3097)**

**Il-Qorti:**

Illi dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta’ Lulju 2009 li in forza taghha ddisponiet mit-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti nomine hekk:
“Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi l-kontro-talba billi tichad it-talbiet kollha tal-konvenuti nomine rikonvenzjonanti. Il-Qorti tordna illi kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.”

U dan, wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Ikkunsidrat :

“Illi l-Qorti tara illi l-azzjoni attrici hija dezerta peress illi l-korporazzjoni attrici ma haditx hsieb sabiex tipprezenta ir-rikors fiz-zmien kif trid il-Ligi minn meta il-kawza giet differita Sine Die minn din il-Qorti fl-1 ta’ Lulju 2005.

“Illi kif diga intqal, kienu biss il-konvenuti nomine illi talbu li l-kawza terga tigi riappuntata limitatament sabiex tigi maqtugha u deciza il-kontro-talba taghhom u ghalhekk il-Qorti sejra tipprocedi sabiex tezamina l-kontro-talba tal-konvenuti nomine rikonvenzjonanti.

“Illi l-konvenuti nomine permezz tal-kontro-talba taghhom qeghdin jitolbu lill-Qorti sabiex tiddikjara lill-attur nomine responsabbli ghad-danni li huma sofrew meta gew zgumbrati mill-fond lilhom allokat mill-attur nomine minghajr ma kellu l-ebda dritt skond il-Ligi u f’dan il-fond kien hemm makkinarju u merkanzija li kellha bzonn tigi kurata u fi kwalunkwe kaz l-attur nomine naqas li jiehu dawk il-mizuri kawtelatorji ghall-kura ta’ l-istess. Huma talbu lill-Qorti sabiex tillikwida d-danni minnhom sofferti u tikkundanna lill-attur nomine ihallas id-danni hekk likwidati.

“Illi l-konvenut Mario Tonna xehed illi huwa kien gie zgumbrat mill-fabbrika in kwistjoni mill-korporazzjoni attrici

fl-1995 u wara dakinhar ma setghax jidhol aktar fil-fabbrika peress illi ma kellux cwievet. Huwa xehed illi gieli mar jittawwal il-fabbrika u kien jinduna li kien ikun hemm bibien u twieqi miftuhin. Kien ghalhekk illi umbaghad setgha jidhol fil-fabbrika u setgha jara li kien hemm kollox imqalleb, kien hemm hruq u kien hemm ukoll ilma ma l-art. Il-makkinarju kien ghadu hemm. Huwa xehed li qatt ma ra watchman, jew security u xehed illi apparti il-makkinarju kien halla fil-fabbrika glud u affarijiet konnessi mal-fabbrikazzjoni taz-zraben u halla wkoll zraben gja minnu fatturati u l-glud li setghu jigu trasportati facilment. Huwa sab neqsin ukoll hafna zraben li kienu lesti. Sab ukoll neqsin xi glud. Huwa xehed illi sussegwentement il-makkinarju tnehha mill-fabbrika mill-korporazzjoni attrici, izda qatt ma inghata minghandhom xi inventarju jew xi ircevuta fir-rigward tal-makkinarju u tal-oggetti kollha li huwa kellu fil-fabbrika.

“Ikkunsidrat :

“Illi xehed il-PL Victor Bugeja u ikkonferma li kien inhareg Mandat ta’ Qbid bin-numru 1906/96 kontra s-socjeta’ konvenuta fit-22 ta’ April, 1996. Il-PL Victor Bugeja xehed li kien gie innominat kunsinnatarju fir-rigward ta’ l-oggetti li gew maqbuda minghand il-konvenuti nomine u huwa jagixxi bhala kunsinnatarju ghan-nom tal-korporazzjoni attrici. Huwa xehed illi ghall-ewwel l-oggetti maqbuda kienu ittiehdu f’fabbrika Rikasoli, izda sussegwentement huwa kellu jaghti lura din il-fabbrika u ghalhekk l-oggetti gew trasferiti f’hut ta’ Bahhar u Sewwi li jinsab Hal-Far u ghalhekk huwa ikkonferma li l-oggetti kollha indikati fid-dokumenti li esebixxa hu stess jinsabu f’dan il-hut f’Hal-Far. Il-PL Victor Bugeja kompla jixhed li hu biss ghandu access ghal dan il-hut u illi f’dan il-hut ma hemmx biss dawn l-oggetti li semma izda hemm oggetti ohrajn, izda huwa biss ghandu access ghal dan il-hut. Huwa kompla jixhed illi kien mar fil-fabbrika in kwistjoni u meta dahal kien sab hafna taqlib. Kien gie infurmat illi kien sar rapport fir-rigward ta’ sgass f’din il-fabbrika. Huwa ikkonferma li l-oggetti li gew elevati jikkonsistu primarjament f’magni, xi forom ta’ zraben u xi glud. Huwa kompla jixhed in kontro-ezami illi huwa kien iffirma il-Mandat ta’ Qbid in kwistjoni

bhala prokuratur legali. Huwa xehed illi meta ingabru l-oggetti mill-fabbrika ghall-fabbrika l-ohra ta’ Rikasoli dan sar permezz ta’ kuntrattur u permezz ta’ transport ta’ vetturi. Huwa xehed illi setgha kien il-kaz illi huwa ma kienx prezenti meta dawn l-oggetti tqeghdu fizikament fuq it-transport u ingarru lejn ir-Rikasoli u ma ftakarx jekk f’xi hin intuzawx xi cranes jew forklifters. Il-PL Bugeja kompla jixhed illi huwa biss kellu l-access tal-fabbrika ta’ Rikasoli u qal illi il-marixxal elenka l-oggetti li kienu qeghdin jigu maqbudin meta kien ukoll prezenti hu. Izda meta irceva dawn l-oggetti wara li gew elevati huwa ma ivverifikax jekk kienux l-istess oggetti li kienu maqbudin bil-mandat, izda xehed li vizwalment ghalih kienu l-istess oggetti, cioe’ dawk li kienu qed jigu ikkonsenjati, kienu l-istess oggetti li kienu gew maqbudin bil-mandat. Huwa ikkonferma li qatt ma ghamel manteniment tal-magni maqbuda u qal illi hadd ma talbu biex jaghmel tali manteniment. Huwa kompla jixhed illi jassumi illi l-oggetti maqbuda huma assigurati, izda specifika li qatt ma ra xi polza ta’ assigurazzjoni u qatt ma ra x’imkien bil-miktub fir-rigward ta’ xi assigurazzjoni.

“Ikkunsidrat :

“Illi l-perit tekniku irrelata illi illi l-makkinarju in kwistjoni huwa minzmum gewwa 'hut' u jinzamm fuq pallets tal-injam mghottija bil-plastik. L-istat ta' dan il-makkinarju jindika illi mhuwiex funzjonabbli. Gie osservat illi dawn il-magni huma kollha sadid u ghalhekk irid jigu zarmati u jinghataw service. Huwa irrileva wkoll illi xi parts ghandhom jinbidlu, izda hemm dubju jekk dawn il-parts jinstabux ghall-bejgh u dan peress illi dawn il-magni ghandhom iz-zmien. Hemm ukoll problema ohra fejn jidhol il-wiring tal-makkinarju in kwistjoni ghaliex dan irid jinbidel kollu.

“Illi l-Perit Tekniku ikkonkluda li mhuwiex fattibbli li jissewwew il-magni in kwistjoni ghaliex l-ispiza tigi oghla milli l-istess magni kellhom jinxtraw, u dan anke jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-fatt li dawn il-magni llum il-gumata huma antikwati u t-teknologija moderna m'ghadhiex tuza dawn it-tip ta' magni.

“Ikkunsidrat :

“Illi l-konvenuti nomine esebew prospett tad-danni fir-rigward tal-kontro-talba taghhom. Il-konvenuti nomine esebew ukoll dokumenti u minnhom jirrizulta illi l-valur tal-proprjeta ghandha tigi meqjusa li tilhaq is-somma ta’ mitejn u sitta u sittin elf, sebgha mija u tlettax il-euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€266,713.25), ekwivalenti ghas-somma ta’ mija u erbaghtax il-elf u hames mitt lira Maltin (LM114,500), li huwa ir-replacement value kif kien jinsab assigurat mill-konvenuti nomine tal-oggetti in kwistjoni immedjatament qabel l-istess oggetti gew elevati.

“Ikkunsidrat :

“Illi minkejja li l-Qorti akkordat diversi differimenti lis-socjeta’ attrici sabiex tezamina l-prospett tad-danni tal-konvenuti nomine rikonvenzjonanti is-socjeta’ attrici naqset milli taghmel dan, kif naqset ukoll milli tipprezenta nota ta’ sottomissjonijiet fiz-zmien moghti lilha mill-Qorti.

“Illi ghalhekk rigward il-valur tad-danni l-ammont pretiz mill-konvenuti nomine ma gie bl-ebda mod kontestat mis-socjeta’ attrici.

“Illi jonqos izda illi jigi determinat minn din il-Qorti min jahti u min ghandu jhallas ghal dawn id-danni illi sofrew il-konvenuti nomine. Il-Qorti rat l-Artikolu 300 tal-Kap. 12 u rat illi l-kunsinnatarju huwa fid-dmir li juza ghall-irfigh tal-hwejjeg maqbuda, id-diligenza ta’ missier tajjeb tal-familja; jekk il-kunsinnatarju jonqos li jipprezenta dawk il-hwejjeg meta jintalab biex jaghmel dan, il-qorti tista’, wara li tezamina ic-cirkostanzi tal-kaz, taghti dawk l-ordnijiet li jidhrilha, sabiex il-kunsinnatarju jingieghel jipprezenta dik il-proprjetà u fin-nuqqas il-kunsinnatarju ikun hati ta’ disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti.

“Illi l-Qorti rat is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tal-5 ta’ April 1989 fl-ismijiet Angelo sive George Grech nomine vs Joseph Buttigieg et fejn il-Qorti qalet illi id-depozitarju

ghandu l-obbligu li irodd dik il-haga stess li jkun irceva fl-istat li din tkun tinsab fiz-zmien tar-radd.

“Illi l-Qorti rat ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet Ferdinando Galea vs Angelo Axiaq et deciza fit-2 ta’ Novembru 1954 fejn gie deciz illi l-kunsinnatarju, bhala depozitarju gudizzjarju tal-hwejjeg elevati, ghandu, skond il-ligi, juza fil-kustodja taghhom l-istess diligenza li juza ghall-kustodja tal-hwejjeg proprji.

“Illi l-Qorti tara illi s-socjeta’ attrici bl-ebda mod ma tista titqies responsabbli ghad-danni illi sofrew il-konvenuti nomine rikonvenzjonanti u dana peress illi is-socjeta’ attrici ezimiet ruhha minn kull responsabbilta meta inkarigat kunsinnatarju.”
Rat ir-rikors tal-konvenuti nomine li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

“…thassar u tirrevoka s-sentenza fl-ismijiet fuq premessi moghtija mill-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta’ Lulju 2009 u minflok tilqa’ t-talbiet kollha tal-konvenuti rikonvenzjonanti hawn appellanti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` hawn appellata.”

Rat ir-risposta tal-attur nomine li in forza taghha, u ghar-ragunijiet minnha premessi, sostna li “l-aggravji tal-appellanti huma fiergha u vessatorji u jaghtu lok sabiex jigu nflitti l-pieni komminati mill-ligi ghall-appelli fiergha.”

Rat l-appell incidentali pprezentat mill-istess attur nomine fir-risposta tieghu, fejn ghar-ragunijiet premessi, talab li din il-Qorti:

“…joghgobha filwaqt li tichad l-appell interpost mis-socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti, tirriforma s-sentenza appellata senjatament f’dak li jirrigwarda l-kunsiderazzjonijiet fir-rigward tal-kontro-talba, fil-likwidazzjoni tal-ammont tal-allegati danni u fil-kap tal-ispejjez u dan ghall-motivi hawn sottomessi u mill-bqija tikkonferma l-istess sentenza tas-7 ta’ Lulju 2009, fl-

ismijiet fuq premessi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti."

Rat l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti ezebiti;

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Illi permezz ta' *letter of intent* datata 18 ta' Jannar 1985, l-attrici, il-Malta Development Corporation [il-Korporazzjoni] allokat lill-konvenuti Mario u Marcus Tonna ghan-nom tas-socjeta` Puma Footwear Limited [l-appellanti] il-fabbrika M10 Mriehel Industrial Estate, limiti ta' Hal Qormi, proprjeta` tal-Gvern ta' Malta, bi skop li eventwalment jigi ffirmat kuntratt ta' lokazzjoni bejn il-partijiet; liema kuntratt pero` baqa' qatt ma gie finalizzat.

Illi fl-1 ta' Ottubru 1985 l-appellanti dahlu fl-imsemmi fond, minn fejn bdew joperaw; izda ghalkemm maz-zmien din is-socjeta` kellha nies impjegati maghha, jidher li rriskontrat diffikultajiet fl-operat taghha, bir-rizultat li bejn Gunju u Lulju 1994 kienet waqfet topera[1], u l-appellanti ghalqu l-fabbrika u hallew klieb tal-ghassa, jiggerrew kemm gewwa kif ukoll fl-inhawi tal-fabbrika.

Illi fl-24 ta' Novembru 1995, il-Korporazzjoni harget ordni ta' zgumbrament fit-termini tal-Artikolu 3 tal-Att dwar Zgumbrament[2] [Kap. 228] [imsejjha: l-Ordni] li permezz taghha s-socjeta` appellanti nghatat erbghat ijiem zmien min-notifika tal-istess Ordni biex jizgumbraw mill-imsemmi fond, u "biex tnehhi minn hemm l-oggetti kollha li ghandek"[3].

Illi fit-3 ta' Gunju 1995 l-appellant Mario Tonna, ghan-nom tas-socjeta`, gie notifikat bl-imsemmija ordni; izda, salv ghal fatt li hu kien mar ikellem lic-Chairman tal-Korporazzjoni dwar l-istess Ordni, huwa baqa' passiv, u halla hemm gew l-oggetti tas-socjeta`, konsistenti

[1] Dep. Mario Tonna – Fol.63
[2] U d-disposizzjonijiet tal-Kap.169 - Fol.38
[3] Fol.38

principalment, f'makkinarju ghat-thaddim tal-fabbrika, zraben, glud u xi ghamara.

Fi kliem l-imsemmi Mario Tonna: "…li nista' nikkonferma li jiena ma ghamilt xejn biex nizgombra jew innehhi xi oggetti mill-fabbrika… dejjem hallejt kollox kien kif kien."[4]

Illi fl-14 ta' Lulju 1995, meta allura s-socjeta` appellanti kienet ilha circa sena li kienet waqfet topera, il-Korporazzjoni ezegwiet l-imsemmija Ordni, u impjegati taghha dahlu fil-bini tal-fabbrika. Martin Camilleri, li kien wiehed mill-impjegati tal-Korporazzjoni li dahal fil-fabbrika, fix-xhieda tieghu jghid: "Il-makkinarju kien ghadu kollu hemm, pero' kien hemm hafna hmieg, u kien jidher fi stat ta' abbandun."[5] Huwa esebixxa ritratti li ttiehdu dakinhar meta dahlu l-ewwel darba fil-fabbrika. Fit-23 ta' Awwissu 1995 sar l-inventarju skont il-ligi.[6]

Illi fit-2 ta' Awwissu 1995 il-Korporazzjoni, allura attrici, ipprezentat citazzjoni kontra s-socjeta` appellanti, allura konvenuta, ghal-likwidazzjoni u hlas ta' kumpens ghall-okkupazzjoni tal-imsemmija fabbrika.

Min-naha taghhom, il-konvenuti eccepew li "huwa car li m'hemm l-ebda relazzjoni ta' kirja bejn il-kontendenti" u li ma kienx dovut ebda hlas ta' kera. Kontestwalment, huma pprezentaw kontro-talba, fejn talbu li l-Korporazzjoni tigi dikjarata responsabbli ghad-danni li sofriet is-socjeta` konvenuta, u sabiex l-ewwel Qorti tillikwida l-istess u tordna l-hlas tal-ammont hekk likwidat; u dan wara li ppremettiet li l-Korporazzjoni attrici kienet zgombrat lill-istess konvenuti mill-imsemmi fond "minghajr ma kellhom dritt skond il-ligi, f'liema fond kien hemm makkinarju u merkanzija li kellha bzonn tigi kurata, u, fi kwalunkwe kaz naqsu li jiehdu dawk il-mizuri kawtelatorji ghall-kura tal-istess." bir-rizultat li l-konvenuti sofrew hsara.

---

[4] Dep. Fol.170
[5] Fol.29
[6] Fol.134 *et seq.*

Illi fit-22 ta' April 1996, fuq rikjesta tal-Korporazzjoni appellata, inhareg il-Mandat ta' Qbid[7] numru 1916/96 kontra s-socjeta` appellanti, ghall-ammont ta' Lm13,809.50 [illum €32,167.48] rapprezentanti "arretrati ta' kera".

Illi, b'sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Lulju 2009, dik il-Qorti, wara li osservat li l-azzjoni attrici kienet marret dezerta fil-mori tal-proceduri, ghaddiet biex taghti sentenza fuq il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta, illum appellanti, fejn cahdet it-talbiet rikonvenzjonali wara li osservat li "is-socjeta` attrici bl-ebda mod ma tista' titqies responsabbli ghad-danni illi sofrew il-konvenuti nomine rikonvenzjonanti, u dan peress li s-socjeta` attrici ezimiet ruhha minn kull responsabbilita` meta nkarigat kunsinnatarju".
Illi s-socjeta` konvenuta appellat minn din is-sentenza, fuq erba' aggravji. L-ewwel aggravju jittratta l-hrug tal-Ordni u l-agir tal-Korporazzjoni; filwaqt li t-tliet aggravji l-ohra jittrattaw il-materja tar-responsabbilita` ghad-danni subiti mill-istess socjeta`, u li ghalhekk ser jigu trattati flimkien.

*Aggravji*

[1] Illi l-ewwel aggravju, intestat "Agir illegali marbut mal-hrug u esekuzzjoni ta' l-*eviction order*", l-appellanti, wara li ghamlu referenza ghal zewg sentenzi, wahda moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Emanuel Camilleri et v. Kummissarju ta' l-Artijiet et** deciza fil-11 ta' April 2006, u ohra sussegwenti deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Marzu 2007, fl-ismijiet **Carmel Camenzuli et v. Kummissarju tal-Artijiet et**, isostnu li tenut kont li, skont l-Ordni mahruga, huma kienu nghataw erbat ijiem biss biex jizgumbraw mill-fabbrika, allura "l-ewwel Onorabbli Qorti kien imissha kkunsidrat l-agir tal-Korporazzjoni bil-hrug tal-*eviction order* bhala wiehed illegali u zammet tali konsiderazzjoni f'mohha meta ghaddiet biex tikkunsidra r-responsabbilita` b'rabta mad-danni kkawzati minnha lis-socjeta` appellanti". L-istess appellanti jilmentaw ukoll mill-fatt li l-Ordni kienet giet reza

[7] Fol.129

defenittiva b’element ta’ sorpriza, stante li l-appellanti kienu f’diskussjoni mad-dirigenti tal-Korporazzjoni.

Min-naha taghha l-Korporazzjoni tirrispondi ghal dan l-aggravju billi tghid li kien jispetta lill-appellanti sabiex inehhu hwejjighom mill-fabbrika; u inoltre, kien “hemm trapass ta’ zmien mill-gurnata tan-notifika tal-Ordni sal-gurnata tal-effettiv zgumbrament – perjodu li ta bizzejjed opportunita` lill-appellanti sabiex jattakkaw l-Ordni” izda dawn, minflok aderixxew mal-Ordni u nehhew l-oggetti taghhom mill-fabbrika, l-imsemmi Mario Tonna kien mar ikellem lic-Chairman tal-Korporazzjoni, izda “ma ha ebda azzjoni ohra sabiex jattakka tali Ordni”.

In propozitu l-Qorti tosserva li l-kawzali li fuqha huma bbazati t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti appellanti mhijiex li dawn ma kienux nghataw zmien bizzejjed biex jizgumbraw jew jattakkaw l-Ordni, izda li l-Korporazzjoni harget dik l-ordni u zgombrat lill-appellanti “minghajr ma [kellha] dritt skond il-ligi”. Ghalhekk dak li qed jigi attakkat mhuwiex iz-zmien li nghata fl-Ordni, izda li l-Ordni fiha nnfisha hija bla bazi legali ghax il-Korporazzjoni ma kellhiex dritt tohrogha.

Il-Qorti tosserva li dan l-aggravju huwa nsostenibbli legalment, stante li l-ligi stess fl-Art. 3 tal-Kap. 228 taghti dan id-dritt lill-Gvern. Dan l-artikolu fis-sub inciz [1] jaqra hekk:

“Il-Kummissarju, jekk fil-fehma tiegħu ikun hekk, meħtieġ jew spedjent li jagħmel, jista’ fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu jordna l-iżgumbrament ta’ kull persuna minn kull art li tkun okkupata minn dik il-persuna mingħajr ebda titolu jew li tkun mogħtija b’*encroachment* jew, f’każ ta’ art li minn żmien għal żmien tkun ġiet speċifikata skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet, meta jkun skada l-perjodu ta’ żmien speċifikat f’kuntratt li jkun jagħti titolu, u t-tneħħija minn hemm ta’ kull oġġetti mobbli, fi żmien speċifikat li jingħata fl-ordni u jista’ għal dak il-għan jagħti dawk id-direttivi li fil-fehma tiegħu jkunu meħtieġa biex kull ordni bħal dak jiġi eżegwit bl-anqas dewmien possibbli.

"Iżda d-disposizzjonijiet tal-artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili Kap. 16. ma jkunux japplikaw għal ordnijiet ta' żgumbrament maħruġin skont is-subartikolu (1) Kap. 9.

"Iżda wkoll ordni ta' żgumbrament li jkun ġie hekk maħruġ ma għandux jikkostitwixxi eżerċizzju arbitrarju ta' drittijiet pretiżi skont l-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali."

Illi inkwantu ghaz-zewg kazijiet fuq citati, il-Qorti tosserva li, ghalkemm f'dawk il-kazijiet l-operat tal-Kummissarju tal-Artijiet kien gie ccensurat bhala li jilledi d-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif kontenuti fl-artikoli ndikati fl-istess sentenzi, stante li z-zmien moghti ghall-izgumbrament kien qasir wisq, izda kemm il-Qorti Kostituzzjonali, u kemm in segwitu l-Prim' Awla tal-Qorti Civili [Sede Kostituzzjonali] iddikjaraw li l-Art. 3 tal-Kap. 228 mhuwiex leziv tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Ghaldaqstant il-hrug tal-Ordni ta' Zgumbrament *de quo* kien ezercizzju li jaqa' fil-limiti tal-ligi,

Inoltre, fiz-zewg kazijiet fuq imsemmija, ix-xenarju tal-fatti kien differenti minn dak tal-kaz odjern. F'dawk il-kazijiet, l-ordni ta' zgumbrament kienet diretta lejn okkupanti ta' djar residenzjali li l-partijiet koncernati kienu ilhom jokkupaw ghal zmien twil, u di piu`, partikolarment fl-ewwel kaz, kien qed jigi vantat titolu mill-okkupanti tad-djar; filwaqt li fil-kaz inkwistjoni, jirrizulta pacifiku, anke min-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti, li dawn kienu qed jokkuppaw il-fabbrika minghajr titolu, u di piu` kemm meta nharget l-Ordni kif ukoll meta giet ezegwita, il-fabbrika kienet ilha zmien twil li waqfet topera kif fuq indikat.

Ghar-ragunijiet premessi ma jistax gustament jinghad li l-Ordni nharget mill-Korporazzjoni minghajr ma kellha dritt fil-ligi; u ghalhekk dan l-aggravju huwa nfondat u qed jigi michud.

*It-tieni, it-tielet u r-raba' aggravju.*

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> taghhom l-appellanti jsostnu li meta l-Korporazzjoni ezegwiet l-Ordni "hija ghaddiet f'idejha r-

responsabbilita` tal-kustodja ta’ l-istess [oggetti proprjeta` tal-appellanti li kienu thallew fil-fabbrika], u ghalhekk kellha l-obbligu li tiehu hsieb ta’ tali oggetti bhala bonus *pater familias*”; izda minflok “agixxiet b’non kuranza totali dwar iz-zamma ta’ tali oggetti u b’negligenza grassa. Hija certament negligenza grassa li tippermetti li jsir sgass u hruq” fl-istess fond fil-pussess taghha.

Min-naha taghha, il-Korporazzjoni tirribadixxi li l-appellanti kellhom zmien bizzejjed sabiex johorgu hwejjighom mill-imsemmi fond, u wkoll kellhom l-opportunita` sabiex jattakaw l-Ordni ta’ Zgumbrament gudizzjarjament, izda minnflok ghamlu hekk, huma baqghu ghal kollox passivi.

Illi in propozitu l-Qorti tosserva li f’dan il-kaz il-vertenza tar-responsabbilita` jehtieg li tigi ezaminata f’zewg *time-frames* differenti, u cioe` [a] fiz-zmien minn meta l-Ordni giet notifikata lill-appellanti saz-zmien li fih inhareg il-mandat ta’ qbid, u allura ghall-perijodu li jestendi mit-3 ta’ Gunju 1995 sat-22 ta’ April 1996; u [b] fiz-zmien li fih inhareg il-Mandat fit-22 ta’ April 1996 sa meta sar l-access fid-9 ta’ Marzu 2004. Dan huwa sinifikattiv, ghax filwaqt li fl-ewwel perijodu, il-materja hija espressament regolata bid-dispost tal-Artikolu 3 [4] tal-Kap. 228, u l-appellanti dejjem setghu talbu li jiehdu lura l-pussess tal-oggetti li huma kienu hallew fil-fabbrika, izda fir-rigward tat-tieni perijodu l-oggetti gew gudizzjarjament maqbuda mill-Korporazzjoni u mpoggija fil-pussess ta’ kunsinnatarju.

Illi l-Artikolu 3[4] tal-Kap. 288 jistipula li

“Il-Kummissarju ma jkunx meħtieġ jagħti post ieħor fejn jinżammu dawk l-oġġetti mobbli li jkunu jinsabu fuq l-art u ma jkunx responsabbli għall-ħarsien tagħhom fis-sigur, u t-tneħħija ta’ dawk l-oġġetti mobbli ssir għar-riskju u bi spejjeż għal kollox tal-iżgumbrat.

“Iżda qabel it-tneħħija ta’ dawk l-oġġetti mobbli għandu jsir inventarju ta’ dawk l-oġġetti u dak l-inventarju għandu jiġi ffirmat mill-Kummissarju jew minn rappreżentant tiegħu u minn uffiċjal tal-Pulizija.

"Iżda wkoll l-iżgumbrat għandu jikkumpensa lill-Gvern bl-ispejjeż kollha li l-Gvern ikun seta' għamel direttament jew f'dak li għandu x'jaqsam mal-iżgumbrament."

Illi l-appellanti jiccittaw diversi sentenzi dwar ir-responsabbilita` tal-Gvern fit-termini tal-Artikolu 1029 *et seq* tal-Kodici Civili, fosthom is-sentenza **PA Apap Bologna v. Borg Olivier,** deciza fis-6 ta' Frar 1958 fejn gie osservat li l-kliem *"shall thereafter be solely at the risk of the owner"* fir-Regolament 18 tar-Regolamenti pubblikati bin-Notifikazzjoni tal-Gvern li jitrattaw materja ta' rekwizzjoni, ghandhom jitqiesu li japplikaw ghall-kaz fortuwitu, u ma jezonerawx lill-Gvern mill-obbligu li jiehu kura taghhom u jikkonservahom sakemm l-affarijiet jitraddu lura lil sidhom.

In propozitu, u b'referenza ghall-fatti tal-kaz odjern il-Qorti tosserva li, ghalkemm huwa minnu li huwa principju ta' dritt li min ikollu affarijiet ta' haddiehor fil-pussess tieghu ghandu d-dmir li jiehu kura taghhom, mill-banda l-ohra l-proprjetarju tal-istess ghandu wkoll jiehu dawk il-mizuri kollha sabiex jikkawtela hwejjgu. Inoltre, min isofri danni ghandu d-dmir li jiehu dawk il-mizuri kollha possibli sabiex jimminimizza d-danni.[8] Kif osservat din il-Qorti fil-gurisdizzjoni nferjuri taghha "Hu minnu li di regola d-danneggjat ghandu d-dover li jaghmel **dak kollu li hu ragjonevoli biex inaqqas il-hsara** konsegwenti ghall-fatt illecitu *[Vol.XL.II.653]* b'mod li jigi eskluz fil-kazijiet kongruwi, mir-risarciment ta' dik il-parti tad-danni dovuta ghan-nuqqas tieghu li jiehu dawk il-passi". [9]

Fil-kaz inkwistjoni, jirrizulta car li l-Korporazzjoni kienet kostretta li tiehu fil-pussess taghha l-oggetti, li l-appellanti abbuzivament u llegalment u minn rajhom, hallew fl-istess fond, meta huma ezegwew l-Ordni u regghet hadet fil-pussess taghha l-fond taghha. Jigi rilevat ukoll li meta l-Korporazzjoni hadet pussess tal-fabbrika taghha, in ezekuzzjoni tal-Ordni hija halliet il-makkinarju u l-oggetti

---

[8] ***App.C. Francis Farrugia v. Francis Bartolo*** 16/5/1984 [Vol.LXVIII.II.159]

[9] ***App. Inf. [PS] Percius Car Hire Limited v. Richard Schembri*** [20.10.2003]

tal-appellanti fil-post fejn kienu qabel l-ezekuzzjoni, u cioe` fl-istess post fejn kienu hallewhom l-appellanti.

Min-naha taghhom, l-appellanti, kif korrettament sollevat mill-Korporazzjoni, naqsu milli jiehdu xi forma ta' azzjoni sabiex jikkawtelaw l-interessi taghhom: naqsu milli jnehhu hwejjighom mill-fabbrika meta gew hekk ordnati, u dan nonostante t-trapass ta' xahar u nofs; naqsu milli jattakkaw l-Ordni li huma jallegaw li nharget minghajr dritt skont il-ligi, hlief permezz ta' kontro-talba prezentata fil-21 ta' Frar 1996. Dan gie konfermat mill-istess Mario Tonna, kif fuq indikat, meta jghid: "nikkonferma li jiena ma ghamilt xejn biex nizgombra jew innehhi xi oggetti mill-fabbrika…dejjem hallejt kollox kien kif kien."[10] Dan jaghti konfort lit-tezi tal-Korporazzjoni li l-appellanti jidher li ma kellhomx aktar interess fi hwejjighom, *multo magis* meta jitqies li t-talba rikonvenzjonali maghmula fil-21 ta' Frar 1996, u cioe` sitt xhur biss wara l-ezekuzzjoni tal-Ordni, mhijiex ghar-rirpreza tal-oggetti, izda ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni lilhom. F'dan iz-zmien l-oggetti kienu ghadhom mizmuma fil-fabbrika.

Illi rigward dak li xehed Mario Tonna fis-sens li, wara li huwa kien biddel il-katnazz li kienu ghamlu l-impjegati tal-Korporazzjoni, il-pulizija kienet ammonietu sabiex ma jersaqx l'hemm, il-Qorti tosserva li dan il-fatt, apparti milli jikkonferma li l-Korporazzjoni kienet sakkret il-bibien tal-fabbrika, xorta wahda ma jezonerax lill-appellanti mill-obbligu taghhom bhala proprjetarji tal-oggetti li jikkawtelaw hwejjighom, stante li ma jirrizultax li li kien hemm xi ostakolu sabiex l-appellanti jaghmlu talba, formali jew informali, ghar-rirpreza tal-oggetti jew almenu ghas-*servicing* tal-magni.

Illi l-appellanti jallegaw li l-esekuzzjoni tal-ordni saret b'sorpriza meta dawn kienu ghadhom ghaddejjin b'diskussjonijiet fuq l-Ordni, u li skont huma l-Ordni ma kinitx wahda definittiva; izda fix-xhieda tieghu stess Mario Tonna jghid li huwa kien mar ikellem lic-Chairman fuq l-Ordni mahruga u "Ma kien hemm ebda rizultat pozittiv".

[10] Ibid

Ghalhekk din il-Qorti tifhem li ma kien hemm xejn x’jindika li l-Ordni ma kinitx ser tigi ezegwita, u ma kien hemm xejn xi jzomm lill-appellanti li jnehhu l-affarijiet taghhom mill-fond *de quo*.

Inoltre, jigi ribadit b’enfazi, li mill-provi rrizulta li, mhux talli l-appellanti volontarjament ghazlu li ma jnehhux l-oggetti minn hemm bi ksur tal-Ordni, izda mill-provi ma jirrizultax li f’xi zmien l-appellanti ghamlu xi talba, formali jew informali, lill-Korporazzjoni sabiex, wara l-esekuzzjoni tal-Ordni, huma jkunu jistghu johorgu l-oggetti taghhom minn gol-fond; kif lanqas saret xi talba, formali jew informali, lill-Korporazzjoni dwar il-manutenzjoni tal-makkinarju. Wara kollox il-makkinarju kien tal-appellanti u kien jithaddem minnhom, u ghalhekk kien jispetta lilhom li jigbdu dan il-fatt ghall-attenzjoni tal-Korporazzjoni. Haga li ma jirrizultax li saret.

Illi rigward l-agir tal-Korporazzjoni meta din kellha fil-kustodja taghha l-oggetti tal-appellanti, il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li dawn kienu ghalqu l-bibien tal-fabbrika b’katnazz, u kull meta kien hemm sgass jew incidenti fir-rigward tal-fabbrika huma ghamlu rapport lill-pulizija. Wara kollox anke meta l-fabbrika kienet f’idejn l-appellanti u kienet ghadha topera, kienu jsiru serqiet mill-istess bini, u minn imkien ma’ jirrizulta li f’dak iz-zmien l-appellanti kienu mpjegaw *watchman* jew xi tip ta’ sorveljanza fuq il-post, kif donnhom qed jippretendu issa li kellha taghmel il-Korporazzjoni. Mill-provi jirrizulta li din hadet l-istess prekawzzjonijiet li kienu hadu l-appellanti meta kienu ghadhom joperaw fil-fond.

Illi, ghalhekk, tenut kont li l-ligi espressament tezimi lill-Kummissarju, f’dan il-kaz, lill-Korporazzjoni, mir-responsabbilita` vis-à-vis l-oggetti mhollija fil-fond, abbuzivament u llegalment mill-appellanti, u tenut kont li, ma jirrizultax dak allegat minnhom fir-rikors taghhom li l-Korporazzjoni uriet “negligenza grassa” fil-kura tal-oggetti meta dawn kienu fil-pussess taghha, il-Korporazzjoni ma tistax legalment tinzamm responsabbli ghad-danni li sofrew l-appellanti fi hwejjighom fiz-zmien meta giet ezegwita l-Ordni, sakemm hareg il-Mandat ta’ Qbid; *multo*

*magis* meta ma rrizultax mill-provi li meta l-oggetti gew f'idejn il-Korporazzjoni, meta allura l-makkinarju kien ilu sena ma jintuza, dawn kienu *in working order.*

Illi t-tielet aggravju huwa fis-sens li n-nomina ta' kunsinnatarju mill-Korporazzjoni, wara l-hrug tal-mandat ta' qbid, ma jistax legalment jezimi lill-istess mir-responsabbilita` ghall-oggetti issa maqbudin minnha.

Illi jirrizulta li fit-22 ta' April 1996, fuq talba tal-Korporazzjoni, l-oggetti li kien hemm fil-fabbrika gew milquta bil-hrug ta' mandat ta' qbid kawtelatorju; u l-Korporazzjoni nnominat kunsinnatarju sabiex jiehu fil-pussess tieghu l-oggetti inkwistjoni; bir-rizultat li l-oggetti tnehhew mill-post fejn kienu thallew mill-appellanti u ttiehdu f'postijiet ohra.

Issa x-xenarju legali nbidel fis-sens li, wara dik id-data, l-appellanti ma setghux aktar johorgu l-oggetti mill-imsemmi fond, ghax dawn gew maqbuda u mpoggija fil-pussess tal-kunsinnatarju l-Prokuratur Legali Victor Bugeja bl-obbligi ta' dan tal-ahhar kif stipulati fl-Artikoli 289 u 290 tal-Kap.12.

Jigi osservat fir-rigward li, meta fid-9 ta' Marzu 2004 il-perit tekniku acceda fil-post fejn kienu qed jigu mizmuma l-oggetti tal-appellanti, hu kkonstata li l-makkinarju kien qed jinzamm "fuq pallets tal-injam u moghttija bil-*plastic*"[11], u fix-xhieda tieghu jghid: "Effettivament ma stajtx nara x'hemm u x'mhemmx, peress li dawn kienu kollha moghttijin bil-*plastic*, u l-makkinarju kollu kien kollu flimkien."[12] Inoltre, il-kunnsinatarju kkonferma li huwa biss kellu access ghal dan il-fond; u wkoll hadd ma qallu li kellu jsir xoghol ta' manutenzjoni fuq il-makkinarju.

Illi fir-rigward il-Qorti taghmel tliet osservazzjonijiet: [1] li meta l-appellanti saru jafu bil-mandat ta' qbid, huma ma attakkawx il-hrug ta' dan il-mandat b'rikors ghar-revoka tal-istess; hekk, l-istess, kif meta kienet harget l-Ordni ta'

---

[11] Fol.150
[12] Fol.165

Zgumbrament huma ma hadu ebda passi u baqghu passivi; [2] li ma jirrizultax li l-hsara li garrab il-makkinarju u l-oggetti maqbuda kien dovut ghal xi nuqqas la da parti tal-Korporazzjoni u lanqas da parti tal-kunsinnatarju. Jirrizulta, anke mir-ritratti ezebiti, li dawn gew storjati f'*hut* maghluqa u fil-pussess esklussiv tal-kunsinnatarju, u kienu storjati fuq *pallets* tal-injam u moghttijin bil-*plastic*; u [3] b'enfazi jinghad, li ma jirrizultax li s-sadid li kien hemm fil-makkinarju kien sehh fiz-zmien meta dan kien fil-pussess tal-Korporazzjoni jew tal-kunsinnatarju.

Fir-rigward tal-ahhar konsiderazzjoni ta' fatt, il-Qorti taghmel referenza ghar-ritratti[13] li ttiehdu minn Martin Camilleri fl-24 ta' Lulju 1995, u cioe` <u>sena wara li l-fabbrika kienet waqfet topera</u>, meta l-impjegati tal-korporazzjoni dahhlu fil-fabbrika in ezekuzzjoni tal-Ordni. Minn dawn ir-ritratti jidher car li l-makkinarju kien diga` qed jissaddad. Jigi ribadit li mill-provi rrizulta li l-ezekuzzjoni tal-Ordni kienet giet effetwata, <u>sena wara</u> li l-appellanti kienu waqfu joperaw fil-fabbrika f'Gunju/Lulju 1994.

Illi jigi osservat li huwa principju fundamentali f'materja ta' prova li l-oneru tal-prova tal-fatti allegati jirrisjedi fuq minn qed jallegahom. F'dan il-kaz, l-oneru tal-prova li d-danni riskontrati fil-makkinarju sehhew meta dawn kienu fil-pussess tal-Korporazzjoni jew tal-kunsinnatarju, kien jirrisjedi fuq l-appellanti, u l-Qorti, tenut kont tal-konsiderazzjonijiet premessi, ma tarax li mill-provi dan l-oneru, da parti tal-appellanti gie sodisfatt skont il-ligi.

Illi rigward <u>ir-raba' aggravju</u>, huwa fis-sens li sal-lum, nonostante li l-azzjoni tal-Korporazzjoni kienet marret dezerta[14], l-affarijiet ghadhom maqbuda u jinsabu fi stat ta' abbandun. Dan l-ilment tal-appellanti jirrazzenta l-fieragh, tenut kont tal-fatt li mill-atti ma jirrizultax li saret xi talba da parti tal-appellanti sabiex jiehdu lura l-makkinarju u l-oggetti taghhom, jew jaghmlu *servicing* fuq il-makkinarju, la qabel il-proceduri u lanqas wara, biex

[13] Fol.37 ritratti doki.D, E, F, G

[14] Il-kawza kienet giet differita sine die fl-udjenza fl-1 ta' Lulju 2005 [fol.90]

jippruvaw jimminimizzaw id-danni; izda anke fir-rigward, l-appellanti baqghu passivi.

Ghar-ragunijiet fuq premessi l-Qorti qed tichad dawn it-tliet aggravji.

Finalment jigi osservat li, l-punt sollevat mill-Korporazzjoni fir-risposta taghha, dwar in-nullita` tal-appell interpost mill-appellanti, stante li l-kumpanija m'ghadhiex aktar tezisti peress li kienet giet imhassra mir-Registru tal-Kumpaniji b'effett mid-29 ta' Jannar 2008, jinsab sorvolat bil-fatt dikjarat fl-udjenza tat-18 ta' Gunju 2012 fis-sens li s-socjeta` appellanti regghet giet reintegrata u registrata fir-Registru b'effett retrospettiv.

**<u>Appell Incidentali</u>**

Illi l-Korporazzjoni qed tibbaza dan l-appell fuq tliet aggravji li huma konnessi ma' xulxin.

L-ewwel aggravju hu fis-sens li l-ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha kellha tillimita ruhha ghal "dak li kien mahsub meta saret il-kontro-talba", u cioe` l-legalita` *o meno* tal-Ordni mahruga mill-Korporazzjoni. Ghalhekk il-kwistjoni tal-kunsinnatarju, u r-responsabbilitajiet konnessi mal-hrug tal-mandat ta' qbid fil-mori tal-proceduri, hija rrilevanti ghal kaz, stante li meta saret il-kontro-talba, bazata fuq il-kawzali hemm indikati, il-mandat ta' qbid kien ghadu ma nharigx.

It-tieni aggravju huwa fis-sens li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta accettat il-konkluzzjonijiet tal-perit tekniku, li jghid li l-magni "huma antikwati u t-teknologija moderna m'ghadhiex tuza' dawn it-tip ta' magni" u fl-istess hin strahet fuq il-prospett tad-danni prezentat mill-konvenuti. Il-Korporazzjoni tilmenta wkoll mill-fatt li l-prospett tad-danni ma giex konfermat bil-gurament, u jinsab kontraddett mir-rizultanzi tal-perit tekniku.

It-tielet aggravju jirrigwarda l-kap tal-ispejjez; u l-Korporazzjoni tghid li l-ispejjez kollha relatati mal-kontro-

talba kellhom jigu sopportati interament mill-konvenuti rikonvenzjonanti, u mhux ukoll mill-Korporazzjoni.

Illi l-konvenuti jirribattu ghall-imsemmija aggravji bil-mod segwenti.

Illi l-ewwel u t-tieni aggravji huma inamissibbli tenut tal-fatt li dawn huma diretti lejn il-konsiderazzjonijiet li l-ewwel Qorti ghamlet fis-sentenza taghha, u mhux lejn xi kap fil-parti operattiva tas-sentenza; u ticcita kazistika in sostenn ta’ din is-sottomissjoni.

Illi dwar l-ewwel aggravju l-konvenuti jghidu li mhuwiex minnu li l-ewwel Qorti ma strahietx fuq il-kawzali ndikati fuq il-kontro-talba; dan jirrizulta car mill-korp tas-sentenza[15].

Inoltre, l-artikolu tal-Kap. 228 ma jista’ qatt jezimi lill-Gvern mir-responsabbilita` ghall-oggetti u makkinarju meta dawn kienu fil-pussess tieghu, u l-konvenuti jiccitaw kazistika biex isostnu li anke l-Gvern huwa marbut bil-principji ordinarji dwar id-delitti u kwazi delitti kontemplati fl-Artikolu 1029 *et seq* tal-Kodici Civili u ghandu jinzamm responsabbli jekk huwa johrog mill-gusti limiti bir-rizultat li jikkaguna hsara lil haddiehor.

Illi rigward it-tieni aggravju, il-konvenuti jghidu li ma hemm xejn kontradittorju fil-fatt li l-ewwel Qorti accettat il-konkluzjoni tal-perit tekniku u fl-istess hin strahet fuq il-prospett tad-danni prezentat mill-konvenuti, u li jikkonsistu f’estratt mill-polza tal-assigurazzjoni li kellha s-socjeta` konvenuta.[16] Il-perit tekniku osserva li l-magni m’humiex funzjonabbli, huma kollha sadid u jridu jigu zarmati u jinghataw *service* u li l-*wiring* irid jinbidel kif l-istess irid isir dwar il-*parts*. Dan, il-konvenuti jghidu, kien dovut ghall-fatt li fiz-zmien kwazi ghaxar snin li maghtulhom il-magni kienu mizmuma mill-Korporazzjoni ma sarx *servicing* taghhom.

[15] Pagna 6 tas-sentenza
[16] Fol.113

Illi dwar it-tielet aggravju, il-konvenuti jghidu li l-ispejjez ghandhom jigu sopporati kollha mill-Korporazzjoni, ghar-ragunijiet indikati minnha fir-rikors tal-appell.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

Illi l-ewwel zewg aggravji, fid-dawl tal-fatt li din il-Qorti gia` ddecidiet li l-attrici ma hijiex responsabbli ghad-danni, huma ezawriti.

Illi rigward it-tielet aggravju, il-Qorti tosserva li dan huwa gustifikat tenut kont tal-fatt li, kif fuq spjegat, il-Korporazzjoni ma kinitx legalment responsabbli ghad-danni riportati fl-oggetti *de quo*. Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jigi milqugh minn din il-Qorti, u l-kap tal-ispejjez ser jigi riformat fis-sens li l-ispejjez kollha tal-proceduri ghandhom ikunu a karigu tal-appellanti.

Ghal dawn il-motivi tiddisponi minn dan l-appell billi, filwaqt li tikkonferma, ghar-ragunijiet fuq indikati, dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti cahdet it-talbiet kollha tal-appellanti, tirriforma l-kap tal-ispejjez billi tordna li l-ispejjez tal-azzjoni principali jkunu a karigu tal-attrici waqt li dawk tar-rikonvenzjoni jkunu kollha a karigu tal-konvenuta.

L-ispejjez ta’ dan l-appell principali u ta’ dak incidentali jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------